MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 443/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**
**Vs**
**Majed Nazir Gill**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Majed Nazir Gill, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fil-11 ta' Dicembru 2009, f' dawn il-Gzejjer, fil-kapacita tieghu ta' ufficjal jew impjegat f' amministrazzjoni pubblika, u cioe' Gwardjan Lokali, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, u b'abbuz ta' awtorita', in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor u cioe' ircieva is-somma ta' ghoxrin ewro (€20.00) minghand Lord Tom McDonald, li ghalihom hu ma kellux jedd, ai terminu ta' l-artikoli 112 u 113 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel, jahbi jew juri haga b'ohra dwar xi reat taht l-artikoli precedenti ta' dan is-sub-titolu, holoq, jew uza xi fattura jew xi dokument jew record ta' kontabilita' iehor li kien fiha informazzjoni falza jew mhux kompleta jew ommetta b' mod mhux legittimu milli rregistra xi hlas, ai terminu ta' l-artikolu 121B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Ottubru, 2011 fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Novembru, 2011 li bih talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lilll-appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellat Avukat Generali li huwa is-segwenti :

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza liberatorja taghha hawn fuq riferita, inter alia ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif migjuba li filfatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontrih, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

Illi fl-ewwel lok jirrizulta ampjament car mill-mod u majiera kif sbilubba l-kaz in kwistjoni u kif finalment il-Qorti tal-Magistrati wasslet biex taghti s-sentenza finali u liberatorja, li l-provi li ngiebu quddiem dik l-Onorabbli Qorti ma gewx ezaminati skond ir-regoli tal-gbir tal-provi fil-proceduri penali. Filfatt filwaqt li l-ewwel Qorti zammet l-istqarrija bhala parti mill-atti processwali ddecidiet billi lanqas biss tapprezza l-kontentu u l-legalita` tal-istess u

minflok ex officio skartat din l-istqarrija minhabba li l-appellat fiz-zmien ghal-ghoti tal-istqarrija ma kienx ikkonsulta m'avukat u fid-dawl ukoll ta' skorta ta' sentenzi li nghataw fil-Qrati taghna b'referenza ghal sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fuq l-istess cirkostanzi.
Illi jinghad ukoll li l-kwistjoni dwar lezjoni o meno minhabba din ic-cirkostanza f'ebda mument tal-procedura f'din il-kawza ma tqajjmet mill-partijiet fil-kawza. Lanqas ma ssemmiet f'ebda mod fl-istqadju tal-provi difiza jew filwaqt tat-trattazzjoni tal-istess fejn l-argument difenzjonali kien ibbazzat biss fuq kunflitt ta' prova u mhux fuq il-fatt li ma kienx hemm konsultazzjoni m'avukat qabel l-ghoti tal-istqarrija. Jigi ccarat minn issa li din l-istqarrija ttiehdet f'data meta l-ligi taht l-artikoli 355 AT u AU u li huma llum fis-sehh kienu ghadhom mhux effettivi u li ghaldaqstant ma kienux jimponu l-obbligu fuq il-pulizija li joffru dan is-servizz lis-suspettat. Jidher car li l-ewwel Qorti di sua sponte ddecidiet li ma kinitx ser tqis il-kontenut tal-istqarrija u dan ghamlitu minghajr ma qieset bir-reqqa jekk kienx hemm lezjoni tad-drittijiet tal-appellat fil-kaz de quo, haga li wara kollox din l-ewwel Qorti lanqas biss kellha l-kompetenza li taghmel peress li tali kompitu huwa vestit fil-Qrati Kostituzzjonali wara kawza jew referenza kostituzjonali. Ma jidhirx li f' dan il-kaz kienet infethet kawza jew referenza u kwindi jidher mis-sentenza moghtija li l-ewwel Qorti hadet approcc generali billi applikat 'a one size fits all approach' minghajr pero ma sar l-analizi mehtieg biex l-ewwel u qabel kollox jigi stabbilit jekk hemmx lezjoni. Kwindi in vista ta' dan jidher illi l-ewwel Qorti marret oltre il-kompetenza taghha billi ddecidiet li ma kienitx ser tqis prova 'legali' minhabba li l-appellat ma kienx inghata l-jedd li jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu fil-mument qabel l-ghoti tal-istqarrija.
Illi b'kull dovut rispett u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-appellant jissottometti li jekk il-Qorti riedet issegwi dawn is-sentenzi, semmai l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi l-piz tal-prova fid-dawl tas-sentenzi kostituzzjonali fuq il-jedd ghall-assistenza legali qabel l-ghoti tal-istqarrija fejn allura l-validita` u l-ammissibilita` tal-istqarrija tigi meqjusa mill-Qorti penali f'dak id-dawl. Semmai l-ewwel Qorti kellha tanalizza jekk il-prova tal-istqarrija setghetx twassal ghas-sejbien ta' htija o meno

tal-akkuzat billi ssaqsi lilha nnifisha x'effett seta` kellu l-fatt li l-appellat irilaxxa l-istqarrija minghajr ma kien assistit minn Avukat u kif dan il-fatt seta` jinfluwixxi fuq il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-istess appellat.
Illi billi l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija l-apprezzament tal-provi kif kien pretiz minnha li taghmel ma sarx u dan peress li hi f'ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija migjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li ghazlet li tirritjeni dan id-dokument bhala parti mill-provi fil-kaz innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija minghajr ma kien assistit minn Avukat u kif dan il-fatt seta` jinfluwixxi fuq il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-istess appellat.
Illi billi l-ewwel Qorti skartat l-istqarrija l-apprezzament tal-provi kif kien pretiz minnha li taghmel ma sarx u dan peress li hi fl-ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija migjuba quddiemha irrispettivament tal-fatt li ghazlet li tirritjeni dan id-dokument bhala parti mill-provi fil-kaz innifsu konsiderando wkoll li din l-istqarrija kienet finalment ittiehdet skond il-ligi in vigore dak iz-zmien u li permezz ta' gurisprudenza nostrana konsiderando l-ammissjoni fiha, titqies ukoll bhala l-prova regina. Dan anzi wassal sabiex il-Qorti tal-Magistrat tat rimedju hi ghall-allegata lezjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq tal-akkuzat, xi haga li semmai kellu jkun il-kompitu tal-Qorti Kostituzzjonali u dan ex officio !! Kull ma kellha taghmel l-ewwel Qorti kienet li tqis jekk l-akkuzat hux lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, hati jew le tal-akkuzi migjuba kontrih fid-dawl tal-provi kollha u dan iktar u iktar peress li lanqas biss kien hemm sentenza kostituzzjonali li stabbiliet lezjoni fir-rigward tal-appellant u wisq aktar lanqas kien hemm evvezzjoni mqajjma f'dan is-sens mill-partijiet fil-kawza.
Illi meta' wiehed iqis il-kontenut ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-appellat ammetta li hu kien ircieva flus meta` ma kienx awtorizzat jircivihom u dan fil-vesti ta' warden fil-qadi ta' dmirijietu. Jammetti wkoll fl-istqarrija tieghu li zamm il-flus ghalih minghajr ma nforma lis-superjuri tieghu, agir li zgur mhux forsi mhuwiex in konformita` max-xoghol tal-appellant f'dak iz-zmien jew mal-awtorita` li kellu. Lanqas biss hareg citazzjoni li b'xi mod irriflettiet ic-citazzjoni li suppost thallas ghaliha hu u dan bl-iskop li ma jkunx

hemm registrat li inharget din ic-citazzjoni biex b'hekk jghatti dak li kien iggwadanja minghajr jedd u kontra l-ligi.
Illi l-Qorti naqset ukoll milli taghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi u ta' PS290 Jean Paul Formosa li kienu xhieda ta' dak li ntqal mill-appellat waqt il-konfessjoni tieghu u li allura, kellhom jitqiesu bhala prova t' dak li qal l-appellat u tal-istqarrija. Xhedau wkoll persuni ohra rapprezentanti ta' The Guard and the Warden Service House li filfatt ikkonfermaw li kienu ser jittiehdu passi dixxiplinari kontra l-appellat minhabba dan il-komportament u li l-proceduri ghaddew f'idejn il-pulizija sabiex ikomplu l-proceduri huma presss li fil-kors ta' dawn il-proceduri ghaddew f'idejn il-pulizija sabiex ikomplu l-proceduri huma peress li fil-kors ta' dawn il-proceduri dixxiplinari, l-appellat irrezenja minn dak ix-xoghol u peress li prima facie kien jidher kaz ta' abbuz ta' awtorita pubblika bi ksur tal-Kodici Kriminali. Kien hemm ukoll provi dokumentarji li jikkonfermaw ir-rapport li sar mill-vittma u li jikkonfermaw il-passi dixxiplinari li kienu qed jittiehdu kontra l-appellat.
Illi huwa minnu li l-vittma ma xehedx minhabba li lahaq miet fil-mori tal-proceduri izda meta wiehed iqis il-kontenut tal-istqarrija u l-provi l-ohra li ngabhu mill-prosekuzjoni l-ewwel Qorti ma kelliex tillibera lill-appellat partikolarment minhabba l-motivazzjonijiet li tat li b'kull rispett mhuxiex gustifikati jew legalment validi.
Illi fit-tielni lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-argumentazzjoni tal-appellant qed jigi sostnut ukoll in linea tal-artikolu 349(2) tal-Kodici Kriminali li jaqa taht it-titolu dwar is-setghat u d-dmirijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-procedimenti Kriminali u li fosthom jinkludu t-tehid ta' kampjuni u anki d-dritt tal-assistenza legali. Dan l-artikolu jinqara kif gej :
***349.*** *(1) Uffiċjal tal-pulizija għandu jkollu biss dawk issetgħat vestiti fih skont il-liġi u fil-limitu awtorizzat mil-liġi, u f'din id-disposizzjoni l-kelma liġi għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.*

*(2) L-ommissjoni ta' xi kawzjoni, formalità jew ħtieġa preskritti taħt dan it-Titolu m'għandhom ikunu ta' ebda ostaklu biex tinġieb prova, waqt il-kawża, b'mod permess*

*bil-liġi, dwar il-fatti li għalihom tkun tirrelata dik il-prekawzjoni, formalità jew ħtieġa.*

Kwindi jekk qedghin nikkoncedu li l-appellat ma nghatax l-opportunita li jikkonsulta ma avukat u minhabba f'hekk hu qieghed lilu nnifsu f'pozizzjoni pregudikanti li setghet tinkriminah u li kwindi wasslet ghall-lezjoni tad-drittijiet tieghu, tali ommissjoni ta' formalita` jew htiega, mhuwiex ostakolu ghall-ammissibiilta` tal-provi u kwindi l-Qorti ma setghetx ma tapprezzax din il-prova u sempliciment tiskartha minhabb n-nuqqas tal-prezenza tal-avukat fil-pretrial stage, iktar u iktar meta lanqas biss kienet rikjesta millligi ta' dak iz-zmien li din issir ad obligatem. Dan ma jifissirx li jekk il-pulizija tonqos milli thares xi wahda minn dawn il-formalitajiet hi ma tkunx responsabnbli ghan-nuqqasijiet da parti taghha izda lanqas ma jfisser li fin-nuqqas taghhom il-prova lit kun ingabret fiha nnifsiha tispicca fix-xejn.

Illi kien ghalhekk li l-ewwel Qorti kellha tapprezza l-kontenut ta' din il-prova u tapprezza l-piz jew pern taghha tenut kont ukoll li ma kienx hemm lezjoni ddikjarata permezz ta' sentenza Kostituzzjonali jew allegazzjoni ta' ksur mill-appellat jew ir-rapprezentanti legali tieghu. Meta sempliciment skartat il-prova tal-istqarrija a bazi ta' allegat lezjoni, minghajr laqnas ma kkunsidrat u analizzat il-kontenut taghha kif ukoll il-provi orali l-ohra u l-provi dokumentarji li kien hemm, l-ewwel Qorti ghamlet il-kontra ta' dak li tishaqq id-disposizzjoni hawn fuq ikkwotata.

Illi kwindi jidher car li mhux talli sar apprezzament hazing tal-provi migjuba izda li sahansitar l-Qorti naqset kategorikamen li tqis il-provi kollh migjuba quddiemha kif kienet pretiza li taghmel skond il-ligi, u liema nuqqas wassal ghall-liberatorja ingustifika tal-appellat li finalment kien ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrih. Filwaqt li s-sentenzi Kostituzzjonali li saret referenza ghalihom, f'ebda mod m'huma qed jigu minimizzati, din l-ammissjoni tal-appellat tibqa li hi u ghandha tigi meqjusa bhala tali u allura l-ewwel Qorti ma setghetx taqbad u tiskarta l-kontenut taghhha ex ufficio. In-nuqqas ta' apprezzament ta' l-ewwel Qorti u l-konkluzjonijiet ghas-sentenza liberatorja taghha indubjamnet ma jirraprezentawx apprezzament siewi tal-provi prodotti li kwindi ma

jiggustifikawx il-konkluzjonijiet tas-sentenza appellate. Apparti minn hekk jidher car li provi bizzjjed kien hemm u li allura l-appellat seta` jinstab hati mill-ewwel Qorti u ai termini tal-ligi.

L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġbura.

Filwaqt li l-Ewwel Qorti żammet l-istqarrija bħala parti mill-atti proċesswali, iddeċidiet billi lanqas biss tapprezza l-kontenut u l-legalita' tal-istess u minflok ex ufficio skartat din l-istqarrija għaliex fi żmien l-istqarrija l-appellant ma kienx ingħata aċċess għal avukat. Dan sar fuq skorta ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

Il-leżjoni o meno ta' dan id-dritt qatt ma tqajmet mill-partijiet matul il-proċeduri.

L-istqarrija ttieħedet fi żmien meta l-artikoli 355AT u AU kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ.

Il-Qorti għamlet dan kollu bla ma qieset bir-reqqa jekk kienx hemm leżjoni tad-drittijiet tal-appellat, ħaġa li din l-Ewwel Qorti lanqas biss kellha kompetenza li tagħmel.

L-Ewwel Qorti kellha tqis il-validita' u l-ammissibilita' tal-istqarrija u ssaqsi lilha nfisha x'effett seta' kellu l-fatt li l-appellat irrilaxxja stqarrija mingħajr ma kien assistit minn Avukat u kif dan il-fatt seta' jinfluwixxi fuq il-volontarjeta' ta' tali stqarrija.

Skont il-ġurisprudenza Maltija, l-istqarrija hija r-reġina tal-provi. Ma kien hemm ebda sentenza Kostituzzjonali li stabbiliet li kienhemm xi leżjoni tad-drittijiet tal-appellat.

Il-Qorti naqset ukoll li tagħmel referenza għax-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi u ta' PS 290 Jean Paul Formosa li kienu xhieda ta' dak li ntqal mill-appellat waqt il-konfessjoni.

Xehdu wkoll persuni oħra li ikkonfermaw li ser jittieħdu passi dixxiplinari kontra l-appellat. Kien hemm ukoll provi dokumentarji li jikkonfermaw ir-rapport li sar mill-vittma.

L-Avukat Ġenerali invoka wkoll l-artikolu 349(2) tal-Kap 9. Skont l-Avukat Ġenerali jekk in-nuqqas ta' preżenza ta' avukat tiqies bħala omissjoni, allura għandu jreġi dan is-subartikolu.

L-Ewwel Qorti naqset li tqis il-provi kollha miġbura.

**L-Ewwel Aggravju – Dwar l-istqarrija**

L-ewwelnett l-istqarrija tal-appellat saret fis-7 ta' Frar 2010, tlitt ijiem biss qabel ma daħlet dik il-parti tal-Kap 9 li tirregola l-aċċess għal avukat meta persuna tkun ser tiġi interrogata. Dan kien wara li ngħatat is-sentenza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – Salduz versus Turkey (27 ta' Novembru 2008). Ftit tal-jiem wara ngħatat sentenza oħra 'Panovits versus Cyprus' fuq l-istess suġġett u l-istess sar fil-31 ta' Marzu 2009 – Plonka versus Poland.

Wara dawn is-sentenzi kien hemm għadd ta' sentenzi oħra mogħtija mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li kollha saħqu fuq l-importanza tal-preżenza ta' avukat kif ukoll li d-drittijiet tal-akkużat jibdew qabel ma jibda l-proċess ġewwa l-Qorti.

Saru żviluppi wkoll fil-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta meta f'għadd ta' deċiżjonijiet mogħtija f'April tas-sena 2011, kien deċiż, beix jingħata eżempju dan li ġej:

'Illi kwantu ghall-aggravju proprju tal-appellant il-Qorti thoss li l-gurispurdenza ormai stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghandha f'dan il-kaz tigi segwita, nonostante li bhala regola l-gurisprudenza ta' Strasbourg strettament m'hijiex wahda vinkolanti fil-kazijiet kollha.'

Din is-silta hija meħuda mid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 t'April 2011 u kienet qed tirreferi għal żewġ stqarrijiet li saru mingħajr l-għajnuna ta' avukat

liema stqarrijiet saru QABEL id-deċiżjoni Salduz versus Turkey għaliex ittieħdu fl-24 ta' Diċembru 2003 u l-25 ta' Diċembru 2003 rispettivament u QABEL ma kienu daħlu fis-seħħ l-artikoli indikati aktar 'il fuq.

Minn din is-sentenza sa llum, ingħataw deċiżjonijiet oħra kemm mill-Qorti Kostituzzjonali u kemm mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li daqqa waqfu billi ddikjaraw ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, daqqa ħallew f'idejn il-Qorti x'tagħmel bl-istqarrija u għall-anqas hemm deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ( li għadha sub iudice) li ordnat l-isfilz tal-istqarrija.

Il-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza li hija mertu ta' dan l-appell fil-21 t'Ottubru 2011.

L-Avukat Ġenerali ssottometta li l-Qorti ma setgħetx tiskarta l-istqarrija ġaladarba ma tqanqlet ebda problema matul il-proċeduri – punt li huwa wkoll dibattut min-naħa tal-appellat.

L-Ewwel Onorabbli Qorti qalet hekk:

***'Illi l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz tagħha fil-konfront tal-imputat fejn huwa qed jigi addebitat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 112, 113 u 121B tal-Kodici Kriminali***
***fuq dak li huwa qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata. Il-Qorti izda jidhrilha li tenut kont tal-fatt li meta l-imputat irrilaxxja din l-istqarrija huwa ma nghatax l-opportunita' li jikkonsulta ma' avukat u tenut kont tal-izviluppi kostituzzjonali fir-rigward u stante li din hija l-unika prova li ghandha l-Pulizija fil-konfronti tal-imputat peress li l-ahjar prova u cioe' x-xhieda tal-persuna li ghamlet ir-rapport u cioe' Lord Tom McDonald ma setghatx tingab il-Qorti ghar-ragunijiet appena indikati, din il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu. L-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tal-imputat b'hekk ma jistghux jitqiesu li jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mil-ligi.***

***Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.'***

Minn din is-silta ma jirriżultax li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet xi ħaġa li ma kenitx fil-kompetenza tagħha. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma marritx 'l hemm mill-kompetenza tagħha. Hija qieset l-istat ta' każistika kostanti fuq l-istess punt – id-dritt tal-avukat meta jkun għadu ma bediex il-proċess fil-Qorti – li sa meta ngħatat is-sentenza kien diġa' assodat. Il-Qorti ma kenitx qed tindaga xi punt ġdid li jaqa' fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u / jew taħt il-Qorti Kostituzzjonali iżda kienet qed timxi ma' każistika tal-ogħla Qorti tal-pajjiż. Huwa veru li fil-ġurisdizzjoni Maltija ma jeżistix il-prinċipju ta' 'stare decisis' iżda mhux faċli li Qorti taqbad u tinjora każistika daqshekk ċara hija u tagħti d-deċiżjoni tagħha, ukoll jekk il-punt ma tqajjimx jew ma tqajjimx b'mod ċar. Wara kollox, l-istess punt jista' jitqajjem fil-fażi ta' appell jew inkella wara li tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Fuq kollox, diġa' kienet prassi tal-Qrati tagħna li f'każi ta' libell titqies ukoll il-każistika Ewropea dwar l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

Lanqas m'huwa validu l-punt li qajjem l-Avukat Ġenerali tal-applikazzjoni tal-artikolu 349(2) tal-Kap 9 għaliex subartikolu fil-Kap 9 ma jistax iġib fix-xejn deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li tkun għarblet każistika dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li tmur aktar 'il bogħod mid-dispożizzjonijiet tal-istess Kodiċi.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet qed teżerċita d-diskrezzjoni tagħha dwar taċċettax jew le bħala prova l-istqarrija tal-appellat mogħtija mingħajr ma qabel ikkonsulta avukat.

Għaldaqstant qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**It-tieni Aggravju – L-apprezzament tal-provi.**

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, li dil-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzamenttal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti tkun *"unsafe and unsatisfactory"* , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiema l-Ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija li tkun waslet ghaliha. U dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Inglizi:

*"..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case ,with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally , a conviction will be quashed*."
(Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery - BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) p.1392 citat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Brian Caruana"** (23.5.02 ).

Ghalhekk l-ezami li ghandha taghmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konklużjoni ta' htija raggunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konkluzzjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha *"safely*" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti. Ikkonsidrat;

Għalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-fatti biex tara jekk hemmx lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz.

L-ewwel xhud kien l-Ispettur Maurice Curmi li qal li ittra intbagħtet minn għand Patrick Busuttil - Direttur tal-Guardian Wardens Services House li fiha saret referenza għal ittra oħra li rċeviet l-istess ditta (datata 21 ta' Diċembru 2009). F'din l-aħħar ittra Lord Tom u Lady Mary McDonald kienu allegaw li warden irċieva pagament ta' għoxrin Ewro wara li waqqafhom għax ma kinux lebsin seat belt. Il-warden kien qalilhom ukoll li setgħu iħallsu l-fine on the spot. L-irċevuta kellha tintbagħat bil-posta. Minħabba li Lord McDonald ma rċieva ebda irċevuta, huwa mar għand il-kumpanija minn fejn kien kera l-karozza u ta l-informazzjoni dwar dak li kien seħħ. Wara l-complainant kiteb ittra lill-Guardian Warden Service House.

Skont is-sur Patrick Busuttil, kienu nbdew proċeduri dixxiplinari kontra l-appellat li imbagħad irriżenja. Il-Kumpanija rreferiet il-każ lill-Pulizija.

L-Ispettur Maurice Curmi esibixxa l-istqarrija (a fol 13).

It-tieni xhud kien is-Sur Patrick Busuttil li kkonferma li l-appellat kien jaħdem magħhom. Huwa rrefera għar-rapport li kien sar minn Lord McDonald. Huwa esibixxa statement li kienet ħadet Ms Xuereb meta marret tiltaqa' ma' Lord McDonald. Huma kienu rċevew ir-rapport verbali dwar l-inċident mill-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar.

Id-dokument jidher li sar fuq paġina ta' Djarju li għandha d-data 20 ta' Diċembru 2009 u fih dan li ġej:

'On the 11th Decemebr 2009 at about 13.00, 14.00 hrs near Tony's Ice Cream, near traffic island, he asked for details or ID Card. He took a bus pass. He said he's gonna issue a ticket but you can either pay now or at the end of the car hire. So Mr.McDonald opted to pay. Then I asked how much. He said twnty euros. Mr McDonald asked for a receipt and warden said, now the agency will send the paper to the rental agency but it will take some time, because the agency is quite busy. '

Imbagħad hemm dan il-kliem:

‘I hereby confirm that he statement truthfully represents the facts of the incident which appened on the 11th December 2009.’ Dan huwa iffirmat minn Lord Tom McDonald. (li kien qed jirrisjedi f’Room 225, Hotel Santana, Triq il-Maskli, Saint Paul’s Bay).

Il-Linka hija blu waqt li minn ħa l-istatement kiteb bl-iswed. Id-differenza fil-kaligrafija hija ċarissima.

Dokument ieħor huwa r-rapport tal-Bord tad-dixxiplina li żamm żewġ seduti fis-6 u fil-11 ta’ Jannar 2010. Fit-8 ta’ Jannar il-Bord tad-Dixxiplina kien infurmat li l-appellat kien irriżenja. (fol 22 u fol 25)

Dokument ieħor huwa dak ta’ fol 19 li juri li c-charge kontra Majid Gill u l-firma tal-istess Majid Gill. Hemm immarkata wkoll il-frażi; ‘I intend to contest the charge.’

It-tielet xhud kien Stephen Cachia, administrator ġewwa d-Direttorat tal-Liċenzji u Testijiet. Huwa għamel riċerka fuq vettura bin-numru DBK 384 Hyundai Atos ta’ kulur abjad. Din ilha rreġistrata fuq Georgina Bugeja on behalf of Frank’s Car Rentals mit-30 ta’ Mejju 2007. (fol 31).

Ir-raba’ xhud kienet Anabelle Xuereb li taħdem mal-Guardian Warden Service House Limited. Hija xehdet li kien mar ikellimha field officer u għarrafha li kien daħal rapport fit-Tribunal tat-Tramuntana. Hija ċemplet lil ċerta Peter, li kien sema’ r-rapport, u dan indikalha fejn kellha ssib lil min għamel ir-rapport. Hija semgħet om u semgħet il-verżjoni tagħhom u għamlet rapport li jidher a fol 28. Fl-aħħar ta’ dan ir-rapport jidhru dawn il-kliem:

‘I then asked Lord McDonald if he could identify the warden and when I showed him the photo of W 401 Majid Gill, he confirmed that he was the warden in question.’

Il-ħames xhud kienet Georgina Bugeja li tirrapreżenta lil Franks’ Car Rentals. Din xehdet li l-karozza DBK 384 kienet mikrija lill-koppja anzjana ( Mr. Tom McDonald u l-mara tiegħu) li jiġu kull sena għal tliet xhur. Lilha wkoll

kienu qalulha bl-inċident. Huma kienu qalulhom li mhux suppost li ħallsu direttament lill-warden. Huma kienu qalu lill-koppja li kellhom jidhru l-Qorti. Hawn ix-xhud ippreżentat Dok GB 1 (fol 42) u Dok GB 2 (fol 43) li fih dan li ġej;

‘Hi Charlie,

I received your e-mail today and like you I don’t know what they are talking about. I never reported anyone of that name on the 11th December. If you remember I did report a traffic warden for taking 20 Euros from me and as far as I know he ws dealt with, and his name was a Mr Baldacchino and not the nema that you have given me.

As for going to court in Malta that is completely out of the question as I ma recovering from major surgery........and I will not be fit to travel anywhere until at least the end of October.

However, I don’t think that it will come to that as obviously there is some mistake. ‘

Fil-verbal tat-22 t’Ottubru 2010, il-Prosekuzzjoni talbet differiment biex tirregola ruħha stante li x-xhud prinċipali miet fil-mori tal-kawża.

Is-sitt u l-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni kien PS Jean Paul Formosa li kien xhud tal-istqarrija.

Fil-verbal a fol 51 hemm imniżżel li l-imputat għażel li ma jixhidx u jiddikjara li m’għandux provi.

Fit-trattazzjoni finali, id-difiża ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti għal dak li hemm a fol 43 fejn jingħad

‘li l-persuna li kellha kuntatt magħha kienet xi ħadd Baldacchino u li ċ-irkostanzi kienu differenti u li hemm xi taħwida għax l-affarijiet mhumiex kif qed jirrelatwhomlu.’

Minn analiżi ta’ din il-ġabra ta’ xhieda u dokumenti jirriżulta dan li ġej:

(i) Ix-xhieda tal-Ispettur Curmi fiha referenza għal dak li qallu ħadd ieħor u rrepeta xi frażi mill-istqarrija.

(ii) Ix-xhieda ta’ PS Jean Paul Formosa hija biss konferma tal-istqarrija.

(iii) Ix-xhieda ta’ Stephen Cachia tistabilixxi biss fuq min kienet irreġistrata l-karozza lli kien qed isuq Lord Tom McDonald.

(iv) Ix-xhieda tas-sur Patrick Busuttil tikkonsisti f’konferma li l-appellat kien jaħdem mad-ditta Guardian Wardens Services House. L-istatement li esibixxa ħadu ħadd ieħor. Dokumenti oħrajn huma dwar il-passi tad-dixxiplina li kienu qegħdin jittieħdu kontra l-appellat iżda minn dawn ma kien hemm ebda eżitu.

(v) Ix-xhieda ta’ Annabelle Xuereb tikkonsisti f’dak li **qalilha** ċertu ‘Peter’ li huwa addett mat-Tribunal tat-Tramuntana. Imbagħad hemm **x’qalilha** Lord Tom McDonald u li dan Lord Tom kien għaraf il-warden meta urietu r-ritratt. Iżda, apparti li dan kollu jibqa’ hearsay, l-istess Lord Tom McDonald f’dokument ieħor qal li hemm xi żball għaliex hu kien irrapporta lil ċertu Mr.Baldacchino. (Ara fol 43).

Minkejja d-dokumenti kollha u dawn ix-xhieda, jibqgħu neqsin ix-xhiedas ta’ Lord Tom McDonald (li miet fil-mori tal-kawża) u x-xhieda tal-addett mat-Tribunal tat-Tramuntana li kien ‘sema’’ r-rapport minn għand Lord Tom McDonald. Dan ix-xhud qatt ma kien prodott.

Din il-Qorti qed tikkonkludi li dawn ix-xhieda u dokumenti jistgħu iwasslu għas-suspett iżda mhux għall-prova li trid il-Liġi minħabba li (i) prattikament il-provi huma hearsay evidence; (ii) ma leħaqx tela’ jixhed Lord Tom McDonald; (iii) ma ttellax għall-anqas l-uffiċjal addett mat-Tribunal tat-Tramuntana li kien ikun uffiċjal pubbliku (bħalma jkunu l-pulizija meta jieħdu r-rapporti) ; (iv) Lord Tom McDonald ħoloq inċertezza dwar l-identita’ minħabba dak li hemm a fol 43; (v) is-sistema ta’ identifikazzjoni bir-ritratt trid tkun

aktar rigoruża ukoll meta dan il-mezz huwa użat mill-Pulizija esekuttiva.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

Konklużjoni

Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fil-21 t’Ottubru, 2011 fil-ismijiet premessi fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------